# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2019.**

**Numru 1**

**Rikors numru 856/17LSO**

**Charles Attard, Ronald Camilleri, Mario Abela, Mariella Abela, Nancy Vincenti, Louis Vincenti, Paul Gauci, Valerie Gauci, Martin Messina u Patricia Messina Klein**

**v.**

**Geraldine Noel**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Jannar, 2018, (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-degriet appellat") fil-kawża fl-ismijiet premessi li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, għalkemm ċaħdet żewġ talbiet magħmula mill-

intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") f'rikors tagħha tat-12 ta' Ottubru, 2017, biex dik il-Qorti twaqqaf iż-żmien li fih l-istess appellata kellha tressaq it-Tweġiba Maħlufa u wkoll li dik il-Qorti ssib li ma kellhiex il-kompetenza tisma' l-kawża ta' spoll, iżda tat lill-istess appellata żmien biex tressaq it-Tweġiba Maħlufa, u ordnat li l-appellata tħallas l-ispejjeż marbuta mal-imsemmi rikors tagħha;

2. Illi d-degriet appellat jgħid hekk:

> "*dan hu digriet fuq rikors tal-intimata Geraldine Noel tat-12 ta' Ottubru, 2017 li permezz tal-istess qajmet il-kwistjoni ta' kompetenza ta' din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta)*
>
> *"Illi l-atturi opponew għat-talba billi irrilevaw li ma hemmx ftehim ta' arbitraġġ u fit-termini tal-artikolu 15(3) tal-Kap 387 u li l-mertu tal-kawża odjerna mhix fost dawk previsti minn dik il-Liġi li għandha tiġi sottomessa għal proċeduri mandatarji ta' arbitraġġ (vide artiklu 26 tal-Kap 398 kif ukoll l-artikolu 15(11) tal-Kap 387[1])*
>
> *"Dan is-subartikolu jiddisponi hekk:*
>
> > *"15(3) Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Kap 12 Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għal arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunhx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-*

[1] Ir-Raba' Skeda: "*1.1 Tilwimiet dwar Condominium. Kull tilwima li tirrigwarda condominium u li skont l-Att dwar il-Condominia (Kap 398) għandha tiġi sottomessa għal arbitraġġ"*

> *proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet"*

*"Illi b'nota tagħha tat-30 ta' Novembru 2017, l-intimata ddikjarat li qed tibbaża t-talba tagħha fuq l-artikoli 26-17-23(1) u 30 tal-Att dwar il-Condominia (Kap 398 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*"Illi l-kawża tallum hija sic et simpliciter waħda ta' spoll privileġġjat.*

*"Ikkonsidrat li l-Att dwar il-Condominia huwa lex specialis u għaldaqstant id-deroga mill-kompetenza tal-Qrati ordinarji għandha tiġi restrittivament applikata.*

*"Illi l-atturi irrilevaw fir-risposta l-artikoli li fil-fehma tagħhom huma soġġetti għal proċedura ta' arbitraġġ, u hemm qbil biss dwar l-artikolu 23(1) filwaqt li l-ebda fost l-artikoli l-oħra ċitati mill-intimata huma fost dawk li l-atturi jaqblu li jiskattaw l-arbitraġġ. Dan is-subartikolu jirreferi għal nuqqas ta' qbil ma' deċiżjoni meħuda f'laqgħa tal-kondomini, li ċertament mhuwiex il-każ tallum.*

*"Illi l-Qorti ser tikkonsidra d-disposizzjonijiet l-oħra sollevati mill-intimata in sostenn tat-teżi tagħha.*

*"L-artikolu 26 sempliċement jiddispo0ni li għandhom japplikaw ir-regoli provvduti fl-Att dwar l-Arbitraġġ għal kull tilwima li skont il-Kap 398 għandhom jiġu riżolti b'dik il-proċedura.*

*"L-artikolu 17 jirregola r-rappreżentanza tal-condominium f'idejn l-amministratur.*

*"L-artikolu 32 invece jiddisponi:*

> *"30. Salv id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Att dwar l-Arbitraġġ, f'dawk il-kwestjonijiet li skont dan l-Att jistgħu jiġu jew għandhom jiġu riferiti għall-arbitraġġ, ebda qorti m'għandha tintervjeni jew tkun kompetenti ħlief meta jiġi hekk proivdut bl-imsemmi Att dwar l-Arbitraġġ."*

*"Frankament, iddur kemm iddur, sabiex wieħed japplika kull wieħed mid-disposizzjonijiet iċċitati għandu l-ewwel jiddetermina jekk il-kwistjoni taqax fost dawk il-provvedimenti fejn l-arbitraġġ huwa mandatarju u għal dan il-għan ta' bilfors għandha ssir referenza għall-artikoli l-oħra tal-Att dwar il-Condominia. L-uniku artikolu sostantiv imqajjem mill-intimata huwa l-artikolu 23(1) li*

*jirreferi għall-każ meta condominus ma jaqbilx ma' deċiżjoni meħuda f'laqgħa tal-kondomini.*

*"Illi peress li l-kwistjoni ta' kompetenza ratione materiae hija ta' ordni pubbliku, din il-Qorti xorta kellha tirrevedi d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap 398 senjatament l-artikoli 8(7), 11(5), 14(8), 15(1), 15(3), 15(4), 19(3), 20, 23(1), 24(7), 25 u 28 oltre l-artikolu 26 u 30 sollevati mill-intimata.*

*"Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fi studju approfondit tal-Kap 398, iżda biżżejjed tinnota li l-ebda wieħed minn dawn l-artikoli, li raġonevolment kien mistenni li kellhom jiġu eżaminati biir-reqqa mill-intimata qabel ma intavolat dan ir-rikors ma japplika anke remotament għall-kawża odjerna.*

*"Għaldaqstant tiċħad it-talba u tafferma l-kompetenza tagħha ratione materiae.*

*"Illi l-intimata talbet ukoll is-sospensjoni tat-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata skont l-artikolu 15(3) tal-Att tal-Arbitraġġ fuq ċitat.*

*"Illi t-talba tar-rikorrenti hija manifestament infondata iżda din il-Qorti ser tgħaddi biex takkordalha estensjoni fit-terminu tal-preżentata tar-risposta ġuramentata. Hi tgħid li hija persuna ta' nazzjonalita' Ingliża u l-Qorti tagħmel riferenza għad-disposizzjoni tal-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu tal-Ilsien Ingliż) li jirregola l-proċedura fir-rigward.*

*"Għalhekk tistenna li l-partijiet jirre3golaw ruħhom sadf-differiment li jmiss.*

*"Billi dan ir-rikors sar manifestament inutilment, taddebita l-ispejjeż minn issa stess lill-intimata.*

*"Tordna l-prosegwiment tal-kawża."*;

3. L-imsemmi degriet ingħata *in camera*, iżda fl-ewwel smigħ tal-kawża minnufih wara l-għoti tiegħu, li kien jaħbat fis-16 ta' Jannar, 2018[2], jissemma mill-avukat difensur tal-atturi li kien se jappella minnu. L-atturi ma talbu l-ebda permess lill-ewwel Qorti biex iressqu l-appell

[2] Paġ. 27 tal-proċess

tagħhom. F'dak l-istess smigħ, l-ewwel Qorti ordnat li l-għoxrin (20) jum biex l-intimata tressaq it-Tweġiba Maħlufa jibdew jgħaddu minn dakinhar. L-intimata ressqet it-Tweġiba Maħlufa tagħha fil-25 ta' Jannar, 2018;

4. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fil-31 ta' Jannar, 2018, l-atturi appellanti jilmintaw mill-fatt li meta l-ewwel Qorti tawlet iż-żmien li fih l-intimata kellha tressaq it-Tweġiba Maħlufa tagħha, dik il-Qorti kienet ipprovdiet dwar xiħaġa li dwarha ma kinitx intalbet u, fuq kollox, kienet iġġustifikat il-kontumaċja tal-istess intimata (li sa dak il-waqt kienet għadha ma ikkontestatx il-kawża minkejja li kien ilha notifikata bl-atti tal-kawża aktar minn xahrejn) bla ma ħadet il-fehma tagħhom qabel ma qatgħetha li ttawwal iż-żmien. Għalhekk, bl-imsemmi rikors tagħhom, l-appellanti jitolbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-talbiet tal-appellata fir-rikors tagħha tat-12 ta' Ottubru, 2017, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn tat lill-appellata żmien biex tressaq Tweġiba Maħlufa u, minflok, issib li l-intimata appellata tinsab kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

5. L-appellata wieġbet għat-talba tal-appellanti bi Tweġiba mressqa minnha fil-11 ta' April, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalet li d-degriet appellat għandu jitqies ġust u mistħoqq "anke jekk sempliċement fuq bażi għal ekonomija tal-ġudizzju u nuqqas ta'

formaliżmu żejjed u effettivament inutile u li ma hu ser iservi għall-ebda skop reali". Hija tfisser li kellha raġuni tajba biex ma tressaqx it-Tweġiba Maħlufa tagħha fi żmien għoxrin jum minn meta laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża, u dan kien sewwasew minħabba li kienet ressqet ir-rikors tagħha tat-12 ta' Ottubru, 2017, u minn hemm 'il quddiem, iż-żmien biex hija tikkontesta l-kawża kien sospiż sakemm l-ewwel Qorti tiddetermina t-talbiet fir-rikors tagħha;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tal-15 ta' Jannar, 2019;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi dan huwa appell ta' xejra proċedurali. Dan jingħad kemm għaliex il-provvediment li minnu tressaq huwa wieħed li jirregola l-mixi 'l quddiem tal-kawża li fiha ngħata, iżda wkoll għaliex jirrigwarda l-qagħda tal-appellata fl-istess kawża;

10. Illi għalkemm l-appellanti jgħidu li l-appell tagħhom ġej minn dik il-parti tad-degriet appellat li bih l-ewwel Qorti tat lill-appellata żmien biex tressaq il-kontestazzjoni tagħha għall-azzjoni tagħhom, jidher ċar li dak il-provvediment ingħata fuq żewġ talbiet speċifiċi f'rikors tal-appellata li ingħad li kienu qegħdin espressament isiru għall-finijiet tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ. Fl-**aggravju** tagħhom mid-degriet appellat, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti ipprovdiet dwar xiħaġa li ma ntalbitx fl-imsemmi rikors, jiġifieri li qatgħetha li "tissana" l-kontumaċja tal-appellata meta dan messu sar mill-appellata nnifisha b'talba appożita u mhux mill-ewwel Qorti minn rajha u meta l-appellanti ma ngħataw l-ebda opportunità biex jagħtu l-fehma tagħhom qabel ma l-ewwel Qorti għaddiet biex ħalliet lill-appellata tressaq il-kontestazzjoni formali tagħha għall-azzjoni attriċi;

11. Illi din il-Qorti jidhrilha li l-appell jinbena fuq premessa ħażina, jiġifieri dik li biha l-appellanti jqisu li l-appellata kienet waqgħet kontumaċi. Minn qari tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 15 tal-Att dwar l-Arbitraġġ din il-Qorti tqis li, tajjeb jew ħażin, sakemm kien għad irid jingħata provvediment fuq ir-rikors imressaq mill-appellata fit-12 ta' Ottubru, 2017, iż-żmien li fih hija kellha tressaq it-Tweġiba Maħlufa għall-azzjoni promotriċi kien wieqaf[3] u dam hekk wieqaf sakemm hija laqgħet in-notifika tad-degriet appellat. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti

[3] Art. 15(8) tal-Kap 387

li r-rikors tal-appellata ma kienx tressaq għall-finijiet tal-artikolu 15(3) ta' dak l-Att: dak li l-ewwel Qorti ikkostatat fid-degriet appellat – jiġifieri li t-talba fir-rikors kienet manifestament infondata u li r-rikors sar inutilment – ma jibdlux in-natura ta' dak l-att ġudizzjarju, imma jiddeterminaw biss il-fondatezza tiegħu. Għall-kuntrarju, il-Qorti terġa' tgħid li fid-dieher l-appellata ressqet ir-rikors tagħha espressament għall-finijiet tal-artikolu 15(3) imsemmi;

12. Illi l-Qorti tattribwixxi dan id-diżgwid għall-fatt li l-appellata nnifisha għażlet li, fost iż-żewġ talbiet fir-rikors tagħha, tressaq talba biex il-Qorti tordna li jkun sospiż kwalunkwe terminu biex tressaq it-Tweġiba Maħlufa "sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar dan ir-rikors". Ladarba jitressaq rikors taħt l-artikolu 15(3) tal-Kap 387, talba bħal dik ma hijiex meħtieġa għaliex hija l-liġi nnifisha li tgħid x'jiġri sakemm rikors bħal dak ikun għadu qed jinstema'. Dan ġab miegħu l-effett anomalu li l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel talba tar-rikors tal-appellata, imma xorta waħda tatha l-fakultà biex tikkontesta l-kawża fuq iċ-ċirkostanza li, minħabba li hija ma titkellimx bil-Malti, ma kinitx għadha formalment notifikata bi traduzzjoni tal-atti tal-kawża, kien jixraq li titħalla tressaq tali kontestazzjoni. Hawnhekk ukoll, jidher ċar li l-ewwel Qorti ma kinitx qiegħda taħseb f'termini ta' "sanatorja ta' kontumaċja", kif jallegaw l-appellanti, għaliex min mhux notifikat kif imiss ma jistax jitqies li huwa kontumaċi;

13. Illi l-fatt li l-ewwel Qorti sabet li l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ ma kienx jgħodd għall-każ ma jġibx b'daqshekk li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(8) ta' dak l-Att ma jkunux jgħoddu. Eżami bir-reqqa ta' dak is-sub-artikolu għandhom juru li s-sospensjoni tat-termini għat-tressiq ta' atti fil-kawża tintrabat maċ-ċirkostanza tal-pendenza ta' rikors bħal dak u sakemm jingħata l-provvediment dwaru. Jiġifieri, minn kliem il-liġi jidher li hekk kif jitressaq rikors għall-finijiet tal-artikolu 15(3) tal-Att, iż-żmien biex titressaq il-kontestazzjoni għall-kawża jkun sospiż awtomatikament, ladarba t-tressiq ta' kontestazzjoni ikun ifisser rinunzja għat-talba. Iż-żmien biex titressaq il-kontestazzjoni jibda għaddej mill-ġdid man-notifika lir-rikorrent tad-deċiżjoni li biha l-Qorti tiċħad it-talba għas-soprasessjoni. U minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15 jgħoddu "minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili", dik il-liġi speċjali torbot fuq il-liġi proċedurali ġenerali kif preskritta fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. Illi mill-atti tal-kawża jidher ċar li l-appellata ressqet il-kontestazzjoni tagħha għal-kawża fiż-żmien li tagħtiha l-liġi u li kif ukoll fiż-żmien tatha l-ewwel Qorti fid-degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2018 (li minnu ma tressaq l-ebda appell), u saħansitra qabel ma l-atturi ressqu l-appell tagħhom tallum;

15. Illi, min-naħa l-oħra, li kieku l-ewwel Qorti qieset li kien qiegħed isir abbuż min-naħa tal-appellata tal-proċedura maħsuba fl-artikolu 15(3) tal-Att, dik il-Qorti dejjem kellha s-setgħa li tissanzjona jew tiċċensura abbuż bħal dak. Din il-Qorti tqis li t-trażżin ta' użu mhux xieraq tal-proċedura tas-soprasessjoni maħsuba fl-imsemmi artikolu 15(3) għandu jiġi mill-qorti li quddiemha titressaq. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ, l-ewwel Qorti tat lill-appellata l-jedd li tikkontesta l-kawża;

16. Illi għalhekk, safejn l-aggravju tal-appellanti jinbena fuq il-kawżali li l-kontumaċja tal-appellata ġiet bż'xi mod sanata, dan jirriżulta mill-atti tal-kawża li mhuwiex il-każ u għaldaqstant l-appell ma jistħoqqlux jintlaqa'. Madankollu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti jidhrilha xieraq li jkun hemm temperament fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż;

***Decide:***

17. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-atturi u tikkonferma għal kollox il-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-i**spejjeż** ta' dan l-appell jibqgħu **bla taxxa** bejn il-partijiet, filwaqt li dawk determinati mill-ewwel Qorti jibqgħu kif deċiżi minn dik il-Qorti; u

**Terġa' tibgħat l-atti tal-kawża** lura lill-ewwel Qorti biex tkompli tisma' l-każ fl-istadju li kien dakinhar li ngħata d-degriet appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr